MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI) KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

**MAGISTRAT DR.
CASSAR JOSEPH LL.D.**

Seduta ta' 10 ta' Ottubru, 2002

Numru. 711/2001

**Pulizija**
(Spettur G.Azzopardi)
**vs**

**Walter Abela**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-imsemmi Walter Abela ta' 49 sena iben Angelus u Carmela nee' Pullicino, imwieled Mellieha fis-16. 06. 1952, joqghod 'Armonia' Triq iz-Zebbiegh, Mgarr u detentur tal-Karta ta' l-identita bin-numru 479252 M talli:
Talli fl-4 ta' Dicembru 1999 u fis-snin ta' qabel, ukoll wara nzul ix-xemx, b'mezzi qarrieqa li bihom seta kellhu l-uzu jew il-konsum illegittimu ta' kurrent elettriku, jew li bihom seta jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew markar fil-meter tal-kwantita' mehuda jew ikkunsmata, bhala detentur tal-fondijiet ' Armonia', Triq iz-Zebbiegh, Mgarr u ' Paper

Dolls' Triq Sir Harry Luke, Mgarr, jew bhala l-persuna li f'ismu hemm irregistrat il-meters tad-dawl, ikkommetta serq ta' kurrent elettriku mill-imsemmi fondijiet, ghad – dannu tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin u ammont.

U aktar talli fl-istess perjodu ghamel hsara fil-gumni jew fil-makkinarju ta' l-elettriku, jew ikkaguna hsara jew telf ta' kurrent elettriku, jew ghamel hsara jew kisser parti mill-meters jew is-sigilli taghhom, jew xi parti minn xi apparat jew gumni wzati fil- provista ta' l-elettriku, liema hsara tammonta ghall-tnax il-lira Maltin (LM 12) ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali.

Rat li l-akkuzat ma oggezzjonax li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja quddiemha.

Rat li fis-seduta tal-lum l-akkuzat ammetta l-akkuzi migjuba kontrih.

Issibu hati.

Rat l-artikoli 261, 263, 264, 270, 278(4), 326(f) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif wkoll l-Artikolu 9 tal-Kapitolu 152. Tiddeciedi li tapplika l-imsemmi Artikolu stante l-kondotta nadifa ta' l-akkuzat kif wkoll stante li l-akkuzat hallas lil-Enemalta u ghamel tajjeb ghall-hsara.

Ghalhekk fil-waqt li ssib lill-akkuzat hati tilliberah taht il-provedimenti ta' l-Artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta b'dan li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt (6) xhur mil-llum u qed twissih skond il-Ligi.

Vera Kopja. (ft) Magt. Dr Joseph Cassar
MAGISTRAT

M.Mifsud
Deputat Registratur